MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Joseph Camilleri
vs
It-Tabib Principali tal-Gvern u s-Segretarju Amministrattiv

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ Gunju 1987, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi minghajr ebda raguni valida beda jgarrab sensiela ta’ “transfers”.

Illi l-fatti kienu fil-qosor kif gej:

1. Ir-rikorrent qabel l-1987 kien ilu jahdem bhala skrivan fid-Dipartiment tas-Sahha madwar disa’ snin, u infatti kien wiehed minn ta’ l-ewwel li kienu responsabbli biex jorganizzaw il-“medical records” li bhala taqsima fid-Dipartiment kienet ghadha fil-bidu taghha. F’din it-

taqsima r-rikorrent kien jahdem fuq bazi ta' "shift'. F'Gunju ta' l-1987 huwa gie trasferit ghad-Dipartiment tal-Posta, minghajr ma nghata l-ebda raguni ghaliex kellu jsehh dan it-"transfer".

2. Wara cirka sena li kien ilu jahdem fid-Dipartiment, ir-rikorrent rega' gie trasferit, din id-darba ghad-Dipartiment ta' l-Ilma. Ghaddiet sena u huwa gie trasferit mid-Dipartiment ta' l-Ilma ghall-Ufficcju tal-Pulizija tal-Licenzjar, minn fejn wara sena ohra ntalab imur lura fid-Dipartiment ta' l-Ilma fejn beda jaghmel ix-xoghol ta' "meter reader". Sussegwentement ir-rikorrent gie trasferit ghall-Berga ta' Kastilja u mbaghad f'Novembru ta' l-1995 intbaghat jahdem fl-Ufficcju tal-VAT.

3. Ir-rikorrent bata mhux biss finanzjarjament izda wkoll fizikament b'rizultat tas-sensiela ta' "transfers' imposti fuqu kif spjegat.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jithallas kumpens xieraq mhux eccedenti l-ammont ta' Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-intimati li eccepew:-

Illi s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u t-Tabib Principali tal-Gvern mhumiex il-legittimi kontradittturi ghall-ilment maghmul mir-rikorrent stante li huma mhumiex il-persuni responsabbli ghat-trasferimenti ta' impjegati tal-Gvern.

Illi mir-records li jezistu fil-Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, jirrizulta illi r-rikorrent kien beda jahdem mal-Gvern fl-1980 u kien intbaghat fid-Dipartiment tas-Sahha. Fl-1 ta' Lulju 1987 gie trasferit ghad-Dipartiment tal-Posta fis-17 ta' Ottubru 1988 ghal Water Works Department u fl-1 ta' Novembru 1994 gie trasferit ghall-VAT Department fejn ghadu jahdem sallum.

Illi kull trasferiment li jsir ta' impjegati minn dipartiment ghall-iehor, inkluzi dawk tar-rikorrent isiru skond l-ezigenzi tas-servizz. Fil-fatt fl-ittra tal-hatra tieghu, kull impjegat huwa mgharraf li huwa suggett li jigi trasferit skond l-ezigenzi tas-servizz. L-ittri tal-hatra tar-rikorrent mhumiex eccezzjoni ghal din ir-regola.

Illi t-trasferimenti tar-rikorrent ma kienux il-frott ta' agir oppressiv, u ma kkagunawx sofferenza indebita, izda kienu gustifikati mill-principju tal-mobilita` ta' l-impjegati pubblici.
Ghaldaqstant l-intimati talbu li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimati.

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa illi t-transfers li jinghataw isiru biss skond l-esigenzi tas-servizz ta' dak inhar u dan ai termini ta' l-appointment. Tali transfers jinhargu biss wara li jkunu gew approvati mill-Management and Personnel Office.

Ghaldaqstant l-intimat filwaqt li jgib il-premess a formali konjizzjoni ta' Joseph Camilleri talab lit-Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet kollha tar-rikorrent stante infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit u fih ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Wara li ghamel sitt snin fil-Korp tal-Pijunieri ghamel l-ezami ghal Clerk 1 mal-Gvern. Kien ghadda u mar jahdem l-Isptar San Luqa fl-1980, fir-Records Department. Hemm kien jahdem bix-shift u kellu shift allowance ta' Lm50 fix-xahar. Dam f' dan id-Dipartiment ghal seba' snin. Fl-1 ta' Lulju 1987 gie trasferit ghall-ufficcju tal-Posta, il-Belt u dam hemm sena u xahrejn. Wara gie trasferit fid-Dipartiment tal-Ilma bhala skrivan. Wara sena u tliet xhur intbaghat jaghmel xoghol ta' meter reader. Sena wara baghtuh fil-Cash Office. Sena wara gie trasferit fl-Ufficcju tal-Licenzji. Ghalkemm kien gie mgharraf li kellu jdum sitt xhur biss, hemmhekk fil-fatt kien dam sena. Minn hemmhekk rega' gie trasferit fil-Cash Office tad-Dipartiment tal-Ilma. Kien gie mitlub ikun telephone operator fil-meter readers' section. F' dak iz-zmien setghu jaghzlu jekk imorrux fil-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma izda r-rikorrent ried jibqa' impjegat tal-Gvern. Gie mibghut l-Ufficcju tal-Prim Ministru f' kamra wahdu u ma kienux jaghtuh xoghol x' jaghmel. F' Novembru 1994 baghtuh fid-Dipartiment tal-VAT f' B' Kara.

Mistoqsi in kontro ezami minn min kien jithallas meta kien il-Licensing Office qal li ma jafx. Dwar it-trasferimenti qal li qatt ma nghata xejn bil-miktub.

Jesmond Marshall qal li r-rikorrent kien il-partner tax-shift tieghu. Gurnata minnhom ircevew telefonata u qalulhom li kienu gew trasferiti. Hu kien intbaghat l-iSptar Boffa. Qal li hu u r-rikorrent kienu affiljati mal-GWU. Ix-xhud kien shopsteward. Ma kienu rcevew ebda karta meta kienu gew trasferiti. Kien talab sodisfazzjon anke permezz tal-union izda r-raguni li nghata kienet l-ezigenza tas-servizz.

Xehed Anthony Schembri li qal li jaf lir-rikorrent fil-Water Services Corporation mill-1987 sal-1994 u li f' dak il-

perjodu kien jahdem mieghu. Dak iz-zmien ix-xhud kellu l-kariga ta' Assistant Principal. Qal li kiem hemm perjodu li r-rikorrent kien intbaghat l-ewwel mal-Meter Reader u mbaghad il-Cash Office. Qal li kien il-Manager li jiddeciedi dwar it-transfers u hu jiehu d-direttivi minghandu. Qal li ma kienx hu li jcaqlaq lin-nies meta jinghataw xi trasferimenti. Hu kien kollega tar-rikorrent ghalkemm kien superjur tieghu. Qatt ma nghata raguni ghaliex kienu caqalqu lir-rikorrent.

Xehed Charles Borg u dwar it-trasferimenti qal li dawn inghataw skond l-ezigenzi tas-servizz. Qal li lill-individwi trasferiti ma tinghatalhomx raguni ulterjuri ghat-trasferiment hlief din. It-trasferimenti jsiru fuq rakkomandazzjoni tal-Kap tad-Dipartiment. Dwar dan il-kaz ma setax jghid jekk kienx sar hekk.

Xehed John Chetcuti li qal li jaf lir-rikorrent peress li kienu jahdmu flimkien fil-Medical Records, St. Luke' s mill-1979 sal-1987. Hu u r-rikorrent kienu jaghmlu l-istess xoghol. Peress li kellhom certu anzjanita` kienu anke jaghmlu certu xoghol ta' sorveljanza. Dak iz-zmien fis-sezzjoni kienu bejn hmistax u ghoxrin ruh. Jesmond Marshall kien ukoll f' din it-taqsima li kien jaghmel l-istess xoghol bhax-xhud u bhar-rikorrent. Zied ighid li ghall-habta tal-1987/1988 kienu baghtu ghalihom u nfurmawhom verbalment li ser jigu trasferiti. Dan it-trasferiment qatt ma nghata bil-miktub.

Xehed James Catania li kkonferma l-kontenut tar-risposta tad-dipartiment.

**KONKLUZJONIJIET:**

Ir-rikorrent ilmenta mill-kwantita kbira ta' transfers li ha u infatti sostna li fl-1 ta' Lulju 1987 gie trasferit ghall-ufficcju tal-Posta, il-Belt u dam hemm sena u xahrejn. Wara gie trasferit fid-Dipartiment tal-Ilma bhala skrivan. Wara sena u tliet xhur intbaghat jaghmel xoghol ta' meter reader. Sena wara baghtuh fil-Cash Office. Sena wara gie trasferit fl-Ufficcju tal-Licenzji. Gie mibghut l-Ufficcju tal-Prim Ministru f' kamra wahdu u ma kienux jaghtuh xoghol

x’ jaghmel. F’ Novembru 1994 baghtuh fid-Dipartiment tal-VAT f’ B’ Kara.

Il-proceduri prezenti huma istitwiti kontra It-Tabib Principali tal-Gvern u s-Segretarju Amministrattiv. L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li “Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.” Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f’ idejn is-Segretarju Amministrattiv u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fis-Segretarju Amministrattiv, fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex il-kawza giet intavolata wkoll kontra s-Segretarju Amministrattiv. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta’ Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta’ Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tas-Segretarju Amministrattiv u ghalhekk jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. Minn-naha l-ohra l-ilmenti kollha tar-rikorrent dwar trasferimenti li ma ghandhomx x’jaqsmu mat-Tabib Principali tal-Gvern ma ghandhomx x’jaqsmu mal-proceduri odjerni.

Issa l-intimat Tabib Principali tal-Gvern eccepixxa illi t-transfers li jinghataw isiru biss skond l-esigenzi tas-servizz ta’ dak inhar u dan ai termini ta’ l-appointment. Tali transfers jinhargu biss wara li jkunu gew approvati mill-Management and Personnel Office.

Fil-kawza fl-ismijiet “Silvio Demanuele vs Tabib Principali tal-Gvern” deciza minn dan it-Tribunal fid-29 ta’ April, 1998, intqal:
“L-esigenzi tas-servizz mhix xi haga li kapriccosament tista’ tuza’ bhala pretest biex taghmel li trid u tittraskura d-drittijiet tal-haddiema. Jekk verament ikun hemm esigenzi tas-servizz dan jintitola lill-Gvern mal-principju tal-mobilita’

tas-servizz li jsir it-trasferiment;  izda dawn l-esigenzi iridu jigu ippruvati u mhux semplicement allegati.” [ara wkoll George Cutajar vs Direttur tal-Agrikoltura 6/4/98].

Ukoll fil-kawza “Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et” deciza fit-23 ta’ Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

“Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma’ dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista’ jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghataw r-ragunijiet ghalih.  Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f’dan ir-rigward, izda f’dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli.  Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk.  Is-serjeta’ titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu “above board”.

F’dan il-kaz l-esigenzi tas-servizz gew allegati izda b’ebda mod pruvati.  Lanqas biss ma deher ebda ufficjal li spjega li din l-esigenza kienet tikkonsisti filli r-rikorrent jintbaghat post gdid, jew jekk kienx mehtieg li jigi xi hadd minfloku.  Meta mar il-post il-gdid lanqas biss kienu jafu x’ser jaghmlu bih ghall-ewwel.  Ghalhekk jichad din l-eccezzjoni.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna  rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens.  Sfortunatament r-rikorrent ma tantx ghamel provi dettaljati ta’ dak li tilef kawza tat-trasferiment izda fuq il-bazi ta’ dak li intqal dan it-Tribunal jiffissa l-ammont fis-somma ta’ elfejn u hames mitt lira [LM2500].

Spejjez kontra l-intimat Tabib Principali tal-Gvern hlieh dawk relativi ghas-Segretarju Amministrattiv li jibqghu a kariku tar-rikorrent.

---------------------------------TMIEM---------------------------------